DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1872

tal-25 ta' Ottubru 2021

li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 dwar miżuri ta' emerġenza marbuta ma' tifqigħat tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja f'ċerti Stati Membri

(notifikat bid-dokument C(2021) 7728)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 259(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja (HPAI) hija marda virali infettiva fl-għasafar li tista' tħalli impatt serju fuq il-profittabbiltà tat-trobbija tat-tjur għax tikkawża tfixkil fil-kummerċ fl-Unjoni u fl-esportazzjonijiet lejn il-pajjiżi terzi. Il-viruses HPAI jistgħu jinfettaw għasafar migratorji, u mbagħad jistgħu jxerrdu dawn il-viruses fuq distanzi itwal waqt il-migrazzjonijiet tagħhom fil-ħarifa u fir-rebbiegħa. Għalhekk, il-preżenza tal-viruses HPAI fl-għasafar selvaġġi tfisser theddida kontinwa għall-introduzzjoni diretta u indiretta ta' dawn il-viruses fl-azjendi fejn jinżammu t-tjur jew l-għasafar. F'każ ta' tifqigħa tal-HPAI, hemm riskju li l-aġent tal-marda jista' jinxtered lejn azjendi oħra fejn jinżammu t-tjur jew l-għasafar.

(2) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi qafas leġiżlattiv ġdid għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard li huwa trażmissibbli lill-annimali jew lill-bnedmin. L-HPAI hija fid-definizzjoni ta' marda elenkata f'dak ir-Regolament, u hija soġġetta għar-regoli dwar il-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard stabbiliti fih. Barra minn hekk, ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 ([2]) jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 fir-rigward tar-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat, inklużi miżuri ta' kontroll tal-mard għall-HPAI.

(3) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/641 ([3]) ġiet adottata fi ħdan il-qafas tar-Regolament (UE) 2016/429, u tistabbilixxi miżuri ta' kontroll tal-mard b'rabta mat-tifqigħat tal-HPAI.

(4) B'mod aktar partikolari, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 tipprevedi li ż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza stabbiliti mill-Istati Membri wara t-tifqigħat tal-HPAI, f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, għandhom jinkludu minn tal-inqas iż-żoni elenkati bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni.

(5) Dan l-aħħar, l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 ġie emendat bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1766 ([4]) biex ikun jirrifletti tifqigħa tal-HPAI fit-tjur jew fl-għasafar miżmuma fiċ-Ċekja.

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 64).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/641 tas-16 ta' April 2021 li tikkonċerna ċerti miżuri protettivi marbuta ma' tifqigħat ta' influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli f'ċerti Stati Membri (ĠU L 134, 20.4.2021, p. 166).

([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1766 tas-7 ta' Ottubru 2021 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 li tikkonċerna ċerti miżuri protettivi marbuta ma' tifqigħat ta' influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli f'ċerti Stati Membri (ĠU L 358, 8.10.2021, p. 1).

(6) Mid-data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1766, l-Italja nnotifikat lill-Kummissjoni dwar tifqigħa tal-HPAI tas-sottotip H5N1 fi stabbiliment fejn kienu jinżammu t-tjur jew l-għasafar fir-reġjun tal-Veneto ta' dak l-Istat Membru.

(7) It-tifqigħa fl-Italja tinsab barra ż-żoni li bħalissa huma elenkati fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 u l-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru ħadet il-miżuri ta' kontroll tal-mard meħtieġa f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, inkluż l-istabbiliment ta' żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza madwar din it-tifqigħa.

(8) Il-Kummissjoni eżaminat il-miżuri ta' kontroll tal-mard li ħadet l-Italja b'kollaborazzjoni ma' dak l-Istat Membru, u hija sodisfatta li l-konfini taż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza stabbiliti mill-awtorità kompetenti tal-Italja jinsabu 'l bogħod biżżejjed mill-istabbiliment fejn ġiet ikkonfermata t-tifqigħa riċenti tal-HPAI.

(9) Biex ikunu evitati kwalunkwe tfixkil bla bżonn għall-kummerċ fl-Unjoni u kwalunkwe ostakli mhux ġustifikati għall-kummerċ li jimponu l-pajjiżi terzi, fil-livell tal-Unjoni u b'kollaborazzjoni mal-Italja jeħtieġ li jiġu deskritti malajr iż-żoni l-ġodda ta' protezzjoni u ta' sorveljanza stabbiliti minn dak l-Istat Membru skont ir-Regolament Delegat (UE) 2020/687.

(10) Għalhekk, iż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza jenħtieġ li jiġu elenkati għall-Italja fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641.

(11) Għaldaqstant, l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 jenħtieġ li jiġi emendat biex tiġi aġġornata r-reġjonalizzazzjoni fil-livell tal-Unjoni biex jitqiesu ż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza stabbiliti kif xieraq mill-Italja, f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, u t-tul tar-restrizzjonijiet applikabbli fihom.

(12) Għalhekk, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

(13) Minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni epidemjoloġika fl-Unjoni fir-rigward tat-tixrid tal-HPAI, hu importanti li l-emendi li jridu jsiru fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 b'din id-Deċiżjoni jidħlu fis-seħħ malajr kemm jista' jkun.

(14) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tindirizza lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Ottubru 2021.

Għall-Kummissjoni
Stella KYRIAKIDES
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

"ANNESS

PARTI A

Iż-żoni ta' protezzjoni msemmija fl-Artikoli 1 u 2:

L-Istat Membru: Iċ-Ċekja

Iż-żona li tinkludi:	Id-data sa meta applikabbli f'konformità mal-Artikolu 39 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687
Reġjun: Bohemia Ċentrali	
Bratkovice (609595); Drahlín (631604); Dubno (633682); Hluboš (639681); Kardavec (639699); Lhota u Příbramě (681211); Občov (708526); Pičín (720551); Sádek (745839); Liha (759198); Trhové Dušníky (768146); část katastrálního území Příbram (číslo KÚ 735426) – severní část katastrálního území Příbram po hranici silnice č. 18.	19.10.2021

L-Istat Membru: L-Italja

Iż-żona li tinkludi:	Id-data sa meta applikabbli f'konformità mal-Artikolu 39 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687
Reġjun: Il-Veneto	
Iż-żona tal-partijiet tar-reġjun tal-Veneto (ADIS: IT-HPAI(P)-2021-00001) fi ħdan ċirku b'raġġ ta' tliet kilometri, biċ-ċentru f'WGS84 u l-koordinati dek. N45.331231 E11.209306	12.11.2021

PARTI B

Iż-żoni ta' sorveljanza msemmija fl-Artikoli 1 u 3:

L-Istat Membru: Iċ-Ċekja

Iż-żona li tinkludi:	Id-data sa meta applikabbli f'konformità mal-Artikolu 55 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687
Reġjun: Bohemia Ċentrali	
Baština (990019); Běřín (603180); Běštín (603368); Bohutín (606685); Brod u Příbramě (612634); Březové Hory (735515); Buková u Příbramě (615811); Bytíz (633356); Čenkov u Příbramě (619451); Dlouhá Lhota u Dobříše (626392); Dominikální Paseky (609609); Drásov u Příbramě (632074); Dubenec u Příbramě (633364); Háje u Příbramě (636550); Hostomice pod Brdy (645885); Hrachoviště (990591); Jince (660281); Konětopy u Příbramě (669083); Kotenčice (671045); Kozičín (671576); Křešín (676101); Lazec (671584); Lešetice (680435); Milín (694975); Narysov (701629); Obecnice (708569);	28.10.2021

Obořiště (708682); Ohrazenice u Jinec (709310); Orlov (712272); Oseč (712698); Ostrov u Ouběnic (717037); Podlesí nad Litavkou (723886); Radětice (737585); Rejkovice (740047); Rosovice (741370); Stěžov (755486); Suchodol (759201); Tisová u Bohutína (606693); Višňová (782548); Vysoká Pec u Bohutína (606707); Zavržice (662704); Zdaboř (735566); Žežice (796689); část katastrálního území Příbram (číslo KÚ 735426) – jižní část katastrálního území od hranice tvoření silnicí č. 18.	
Bratkovice (609595); Drahlín (631604); Dubno (633682); Hluboš (639681); Kardavec (639699); Lhota u Příbramě (681211); Občov (708526); Pičín (720551); Sádek (745839); Liha (759198); Trhové Dušníky (768146); část katastrálního území Příbram (číslo KÚ 735426) – severní část katastrálního území Příbram po hranici silnice č. 18.	Mill-20.10.2021 sat-28.10.2021

L-Istat Membru: L-Italja

Iż-żona li tinkludi:	Id-data sa meta applikabbli f'konformità mal-Artikolu 55 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687
Reġjun: Il-Veneto	
Iż-żona tal-partijiet tar-reġjun tal-Veneto (ADIS: IT-HPAI(P)-2021-00001) li testendi lil hinn miż-żona deskritta fiż-żona ta' protezzjoni u fi ħdan ċirku b'raġġ ta' għaxar kilometri, biċ-ċentru f'WGS84 u l-koordinati dek. N45.331231 E11.209306	21.11.2021
Iż-żona tal-partijiet tar-reġjun tal-Veneto (ADIS: IT-HPAI(P)-2021-00001) fi ħdan ċirku b'raġġ ta' tliet kilometri, biċ-ċentru f'WGS84 u l-koordinati dek. N45.331231 E11.209306	Mit-13.11.2021 sal-21.11.2021"